Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Ottubru 2014

dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/178/UE

(notifikata bid-dokument C(2014) 7222)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/709/UE)

(ĠU L 295, 11.10.2014, p. 63)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/251 tat-13 ta' Frar 2015	L 41	46	17.2.2015
►M2	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/558 tal-1 ta' April 2015	L 92	109	8.4.2015
►M3	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/820 tat-22 ta' Mejju 2015	L 129	41	27.5.2015
►M4	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1169 tal-14 ta' Lulju 2015	L 188	45	16.7.2015
►M5	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1318 tad-29 ta' Lulju 2015	L 203	14	31.7.2015
►M6	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1372 tas-7 ta' Awwissu 2015	L 211	34	8.8.2015
►M7	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1405 tat-18 ta' Awwissu 2015	L 218	16	19.8.2015
►M8	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1432 tal-25 ta' Awwissu 2015	L 224	39	27.8.2015
►M9	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1783 tal-1 ta' Ottubru 2015	L 259	27	6.10.2015
►M10	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2433 tat-18 ta' Diċembru 2015	L 334	46	22.12.2015
►M11	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/180 tad-9 ta' Frar 2016	L 35	12	11.2.2016
►M12	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/464 tad-29 ta' Marzu 2016	L 80	36	31.3.2016
►M13	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/857 tas-27 ta' Mejju 2016	L 142	14	31.5.2016
►M14	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1236 tas-27 ta' Lulju 2016	L 202	45	28.7.2016
►M15	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1372 tal-10 ta' Awwissu 2016	L 217	38	12.8.2016
►M16	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1405 tat-22 ta' Awwissu 2016	L 228	33	23.8.2016

►**M17**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1441 tat-30 ta' Awwissu 2016	L 234	12	31.8.2016
►**M18**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1771 tat-30 ta' Settembru 2016	L 270	17	5.10.2016
►**M19**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1900 tas-26 ta' Ottubru 2016	L 293	46	28.10.2016
►**M20**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2218 tas-7 ta' Diċembru 2016	L 334	40	9.12.2016
►**M21**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/205 tat-3 ta' Frar 2017	L 32	40	7.2.2017
►**M22**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/351 tal-24 ta' Frar 2017	L 50	82	28.2.2017
►**M23**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/564 tat-23 ta' Marzu 2017	L 80	35	25.3.2017
►**M24**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/767 tat-28 ta' April 2017	L 114	26	3.5.2017
►**M25**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1196 tat-3 ta' Lulju 2017	L 172	16	5.7.2017
►**M26**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1265 tal-11 ta' Lulju 2017	L 182	42	13.7.2017
►**M27**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1481 tal-14 ta' Awwissu 2017	L 211	46	17.8.2017
►**M28**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1521 tal-1 ta' Settembru 2017	L 229	1	5.9.2017
►**M29**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1850 tal-11 ta' Ottubru 2017	L 264	7	13.10.2017
►**M30**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2166 tas-17 ta' Novembru 2017	L 304	57	21.11.2017
►**M31**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2267 tas-7 ta' Diċembru 2017	L 324	57	8.12.2017
►**M32**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2411 tal-20 ta' Diċembru 2017	L 342	17	21.12.2017
►**M33**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/169 tal-1 ta' Frar 2018	L 31	88	3.2.2018
►**M34**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/263 tal-20 ta' Frar 2018	L 49	66	22.2.2018
►**M35**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/478 tal-20 ta' Marzu 2018	L 79	38	22.3.2018
►**M36**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/745 tas-16 ta' Mejju 2018	L 123	122	18.5.2018
►**M37**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/834 tal-4 ta' Ġunju 2018	L 140	89	6.6.2018
►**M38**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/883 tat-18 ta' Ġunju 2018	L 155	10	19.6.2018
►**M39**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/910 tal-25 ta' Ġunju 2018	L 161	42	26.6.2018
►**M40**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/950 tat-3 ta' Lulju 2018	L 167	11	4.7.2018
►**M41**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/971 tad-9 ta' Lulju 2018	L 174	20	10.7.2018
►**M42**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1008 tas-16 ta' Lulju 2018	L 180	72	17.7.2018
►**M43**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1036 tad-19 ta' Lulju 2018	L 185	29	23.7.2018
►**M44**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1068 tas-27 ta' Lulju 2018	L 192	43	30.7.2018
►**M45**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1114 tad-9 ta' Awwissu 2018	L 203	37	10.8.2018
►**M46**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1205 tas-27 ta' Awwissu 2018	L 218	1	28.8.2018

►**M47**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1282 tal-21 ta' Settembru 2018	L 239	21	24.9.2018
►**M48**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1512 tal-10 ta' Ottubru 2018	L 255	18	11.10.2018
►**M49**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1576 tat-18 ta' Ottubru 2018	L 262	71	19.10.2018
►**M50**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1635 tat-30 ta' Ottubru 2018	L 272	38	31.10.2018
►**M51**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1689 tat-8 ta' Novembru 2018	L 279	39	9.11.2018
►**M52**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1856 tas-27 ta' Novembru 2018	L 302	78	28.11.2018
►**M53**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2015 tas-17 ta' Diċembru 2018	L 322	57	18.12.2018
►**M54**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/100 tat-22 ta' Jannar 2019	L 20	8	23.1.2019
►**M55**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/122 tal-25 ta' Jannar 2019	L 24	31	28.1.2019
►**M56**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/161 tal-31 ta' Jannar 2019	L 31	77	1.2.2019
►**M57**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/246 tal-11 ta' Frar 2019	L 40	78	12.2.2019
►**M58**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/315 tal-21 ta' Frar 2019	L 51	53	22.2.2019
►**M59**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/404 tat-12 ta' Marzu 2019	L 72	50	14.3.2019
►**M60**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/489 tal-25 ta' Marzu 2019	L 84	6	26.3.2019
►**M61**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/609 tal-11 ta' April 2019	L 104	92	15.4.2019
►**M62**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/617 tal-15 ta' April 2019	L 105	37	16.4.2019
►**M63**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/666 tal-25 ta' April 2019	L 112	47	26.4.2019
►**M64**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/793 tas-16 ta' Mejju 2019	L 129	5	17.5.2019
►**M65**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/875 tas-27 ta' Mejju 2019	L 140	123	28.5.2019
►**M66**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/950 tas-7 ta' Ġunju 2019	L 152	97	11.6.2019
►**M67**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/975 tat-13 ta' Ġunju 2019	L 157	31	14.6.2019
►**M68**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1031 tal-21 ta' Ġunju 2019	L 167	34	24.6.2019
►**M69**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1110 tas-27 ta' Ġunju 2019	L 175	52	28.6.2019
►**M70**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1147 tal-4 ta' Lulju 2019	L 181	91	5.7.2019
►**M71**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1185 tal-10 ta' Lulju 2019	L 185	52	11.7.2019
►**M72**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1212 tas-16 ta' Lulju 2019	L 191	14	17.7.2019
►**M73**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1247 tad-19 ta' Lulju 2019	L 194	27	22.7.2019
►**M74**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1270 tas-26 ta' Lulju 2019	L 200	44	29.7.2019
►**M75**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1327 tal-5 ta' Awwissu 2019	L 206	31	6.8.2019

►**M76**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1336 tad-9 ta' Awwissu 2019	L 209I	1	9.8.2019
►**M77**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1373 tat-22 ta' Awwissu 2019	L 220	6	23.8.2019
►**M78**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1385 tat-3 ta' Settembru 2019	L 228	141	4.9.2019
►**M79**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1392 tad-9 ta' Settembru 2019	L 233	3	10.9.2019
►**M80**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1617 tas-27 ta' Settembru 2019	L 250	100	30.9.2019
►**M81**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1679 tal-4 ta' Ottubru 2019	L 257	25	8.10.2019
►**M82**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1805 tat-28 ta' Ottubru 2019	L 276	21	29.10.2019
►**M83**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1887 tas-7 ta' Novembru 2019	L 290	29	11.11.2019
►**M84**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1900 tat-12 ta' Novembru 2019	L 292	4	13.11.2019
►**M85**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1931 tad-19 ta' Novembru 2019	L 299	61	20.11.2019
►**M86**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1952 tal-25 ta' Novembru 2019	L 304	23	26.11.2019
►**M87**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1994 tat-28 ta' Novembru 2019	L 308	112	29.11.2019
►**M88**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2114 tas-6 ta' Diċembru 2019	L 318	163	10.12.2019
►**M89**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2169 tas-17 ta' Diċembru 2019	L 328	97	18.12.2019
►**M90**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE)2020/15 tad-9 ta' Jannar 2020	L 6	114	10.1.2020
►**M91**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/46 tal-20 ta' Jannar 2020	L 16	9	21.1.2020
►**M92**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/220 tas-17 ta' Frar 2020	L 44	19	18.2.2020
►**M93**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/291 tat-28 ta' Frar 2020	L 61	9	2.3.2020
►**M94**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/397 tat-12 ta' Marzu 2020	L 77	5	13.3.2020
►**M95**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/451 tas-26 ta' Marzu 2020	L 94	23	27.3.2020

▼B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Ottubru 2014

dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/178/UE

(notifikata bid-dokument C(2014) 7222)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/709/UE)

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

▼M37

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-Istati Membri jew fiż-żoni tagħhom kif stipulat fl-Anness (l-Istati Membri kkonċernati), u fl-Istati Membri kollha fir-rigward ta' movimenti ta' ħnieżer selvaġġi u l-obbligi ta' informazzjoni.

▼B

Hija għandha tapplika mingħajr ħsara għall-pjanijiet għall-qerda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'popolazzjonijiet tal-ħnieżer slavaġ fl-Istati Membri kkonċernati li l-Kummissjoni tkun approvat skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2002/60/KE.

Artikolu 2

Projbizzjoni fuq it-tqassim tal-ħnieżer ħajjin, tas-semen, l-ova u l-embrijuni tal-ħnieżer, tal-laħam tal-majjal, tal-preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal, tal-prodotti tal-laħam tal-majjal u ta' kull prodott ieħor li jkun fih il-laħam tal-majjal kif ukoll il-kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali li ġejjin mill-ħnieżer minn ċertu żoni mniżżlin fl-Anness

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprojbixxu:

(a) it-tqassim ta' ħnieżer ħajjin miż-żoni mniżżlin fil-Partijiet II, III u IV tal-Anness;

(b) it-tqassim tal-kunsinni ta' semen, ova u embrijuni tal-ħnieżer miż-żoni mniżżlin fil-Partijiet III u IV tal-Anness;

(c) it-tqassim tal-kunsinni ta' laħam tal-majjal, preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal, prodotti tal-laħam tal-majjal u kull prodott ieħor li fih it-tali laħam miż-żoni mniżżlin fil-Partijiet III u IV tal-Anness; u

(d) it-tqassim tal-kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali li ġejjin mill-ħnieżer miż-żoni mniżżlin fil-Partijiet III u IV tal-Anness.

Artikolu 3

Deroga mill-projbizzjoni fuq it-tqassim tal-ħnieżer ħajjin miż-żoni mniżżlin fil-Parti II tal-Anness

▼M10

B'deroga mill-projbizzjoni prevista fil-punt (a) tal-Artikolu 2, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jawtorizzaw id-dispaċċ ta' ħnieżer ħajjin minn azjenda agrikola li tkun jinsab fiż-żoni elenkati fil-Parti II tal-Anness lejn żoni oħra fit-territorju tal-istess Stat Membru jew lejn żoni elenkati fil-Partijiet II u III tal-Anness ta' Stat Membru ieħor, sakemm:

▼M25

1. il-ħnieżer ikun ilhom mill-anqas 30 ġurnata jew minn twelidhom jitrabbew f'dik l-azjenda u sakemm ma jkun iddaħħal l-ebda ħanżir ħaj miż-żoni mniżżlin fil-Partijiet II, III u IV tal-Anness għal mill-inqas 30 jum qabel id-data taċ-ċaqliq minn post għall-ieħor lejn;

   (a) dik l-azjenda; jew

   (b) (b) l-unità ta' produzzjoni fejn jinżammu l-ħnieżer li jkunu se jintbagħtu skont dan l-Artikolu; l-unità tal-produzzjoni tista' tiġi ddefinita biss mill-awtorità kompetenti bil-kundizzjoni li l-veterinarju uffiċjali jikkonferma li l-istruttura, id-daqs u d-distanza bejn dawn l-unitajiet tal-produzzjoni u l-ħidmiet imwettqa fihom ikunu tali li l-unitajiet ta' produzzjoni jipprovdu faċilitajiet separati għal kollox għas-sistemazzjoni, iż-żamma u l-għalf, sabiex il-virus ma jkunx jista' jinfirex minn unità tal-produzzjoni waħda għal oħra, u

▼M61

2. il-ħnieżer ikun sarilhom test għall-identifikazzjoni tal-patoġenu tad-deni Afrikan tal-ħnieżer b'riżultati negattivi għal kampjuni li jkunu ttieħdu f'konformità mal-proċeduri għat-teħid tal-kampjuni stabbiliti fil-pjan għall-qerda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer imsemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni fi żmien sebat ijiem qabel id-data taċ-ċaqliq minn post għall-ieħor u jkun twettaq eżami kliniku għad-deni Afrikan tal-ħnieżer fuq kull kunsinna ta' ħnieżer minn veterinarju uffiċjali f'konformità mal-proċeduri għall-kontroll u għat-teħid tal-kampjuni stabbiliti fil-Parti A tal-Kapitolu IV tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/422/KE ([1]) fi żmien 24 siegħa qabel iċ-ċaqliq tal-ħnieżer, jew

▼B

3. il-ħnieżer ikunu ġejjin minn razzett:

   (a) li, mill-anqas darbtejn fis-sena, jkunu sarulu spezzjonijiet mill-awtorità veterinarja kompetenti b'intervall ta' mill-anqas erba' xhur bejniethom, li:

      (i) jkunu skont il-linji gwida u l-proċeduri stabbiliti fil-Kapitolu IV tal-Anness tad-Deċiżjoni 2003/422/KE;

▼M61

      (ii) jkunu jinkludu eżami kliniku tal-ħnieżer fir-razzett f'konformità mal-proċeduri ta' kontroll u ta' teħid tal-kampjuni stabbiliti fil-Parti A tal-Kapitolu IV tal-Anness tad-Deċiżjoni 2003/422/KE;

▼B

      (iii) jkunu vverifikaw li l-miżuri previsti fit-tieni inċiż tal-Artikolu 15(2)(b) tad-Direttiva 2002/60/KE u fir-raba' sas-seba' inċiż tiegħu jkunu ġew applikati b'mod effettiv; u

▼M61

   (b) li jimplimenta r-rekwiżiti tal-bijosigurtà għad-deni Afrikan tal-ħnieżer kif stabbilit mill-awtorità kompetenti u li jiżgura li mill-inqas l-ewwel żewġ ħnieżer mejta li jkollhom aktar minn 60 ġurnata f'kull unità ta' produzzjoni jkunu ġew soġġetti għal test għall-identifikazzjoni tal-patoġenu tad-deni Afrikan tal-ħnieżer li jikkonforma mal-proċeduri u l-kriterji ġenerali għall-ġbir u għat-trasport tal-kampjuni stipulati fil-Kapitolu V tal-Anness tad-Deċiżjoni 2003/422/KE;

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2003 dwar approvazzjoni ta' manwal għad-dijanjożi tal-African swine fever (ĠU L 143, 11.6.2003, p. 35).

▼M10

4. Għad-dispaċċ ta' ħnieżer ħajjin lejn żoni elenkati fil-Partijiet II u III tal-Anness ta' Stat Membru ieħor, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti addizzjonali li ġejjin:

▼M61

(a) il-ħnieżer jikkonformaw ma' kull tip ieħor ta' garanziji xierqa tas-saħħa tal-annimali bbażati fuq riżultat pożittiv tal-evalwazzjoni tar-riskji ta' miżuri kontra t-tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-post tal-oriġini u approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membru tal-postijiet ta' tranżitu u ta' destinazzjoni, qabel ma jsir iċ-ċaqliq tal-ħnieżer; madankollu, l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-postijiet ta' tranżitu u ta' destinazzjoni m'għandhomx ikunu meħtieġa meta l-postijiet ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni tal-ħnieżer ikunu kollha żoni elenkati fl-Anness u jkunu kontinwi, u b'hekk jiżguraw li l-ħnieżer jiġu mċaqalqa biss minn żoni elenkati fl-Anness.

(b) l-Istat Membru tal-post tal-oriġini għandu jgħarraf minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bil-garanziji tas-saħħa tal-annimali u l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-punt (a) u għandu jawtorizza lista ta' rziezet li jikkonformaw ma' dawk il-garanziji tas-saħħa tal-annimali; madankollu, dik l-informazzjoni mill-Istati Membri ta' oriġini m'għandhiex tkun meħtieġa meta l-postijiet ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni tal-ħnieżer ikunu kollha żoni elenkati fl-Anness u jkunu kontinwi, u b'hekk jiżguraw li l-ħnieżer jiġu mċaqalqa biss minn żoni li jkunu elenkati fl-Anness.

▼M10

(c) ġiet stabbilita proċedura ta' gwida skont l-Artikolu 16a, taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-oriġini, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni, biex ikun żgurat li l-annimali, li jitmexxew b'konformità mar-rekwiżiti addizzjonali stipulati fil-punt (a), jiġu ttrasportati b'mod sigur u ma jiġux sussegwentement meħudin f'xi Stat Membru ieħor.

(d) Għal ħnieżer ħajjin li jkunu konformi mar-rekwiżiti addizzjonali fil-punt 4 ta' dan l-Artikolu, għandu jiżdied il-kliem addizzjonali li ġej fuq iċ-ċertifikat korrispondenti tas-saħħa tal-majjali li hemm referenza għalih fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 64/432/KEE:

"Ħnieżer konformi mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE."

Artikolu 3a

Deroga mill-projbizzjoni fuq id-dispaċċ ta' ħnieżer ħajjin miż-żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness

B'deroga mill-projbizzjoni prevista fil-punt (a) tal-Artikolu 2, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jawtorizzaw id-dispaċċ ta' ħnieżer ħajjin miż-żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness lejn żoni oħra elenkati fil-Parti II fit-territorju tal-istess Stat Membru jew lejn żoni elenkati fil-Partijiet II u III tal-Anness ta' Stat Membru ieħor, sakemm:

▼**M10**

1. il-ħnieżer ikunu ġejjin minn azjenda agrikola b'livell xieraq ta' bijosigurtà approvat mill-awtorità kompetenti, l-azjenda agrikola tinsab taħt is-sorveljanza tal-awtorità kompetenti, u l-ħnieżer ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1 tal-Artikolu 3 u jew fil-punt 2 jew fil-punt 3 tal-Artikolu 3;

2. il-ħnieżer jinsabu fiċ-ċentru ta' żona, b'radju ta' mill-inqas tliet kilometri, li fiha l-annimali kollha fl-azjenda agrikola jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1 tal-Artikolu 3 u jew fil-punt 2 jew fil-punt 3 tal-Artikolu 3;

3. l-awtorità kompetenti tal-azjenda agrikola tad-dispaċċ għandha tgħarraf, fi żmien debitu, lill-awtorità kompetenti tal-azjenda agrikola tad-destinazzjoni bl-intenzjoni li tibgħat il-ħnieżer u l-awtorità kompetenti tal-azjenda agrikola tad-destinazzjoni għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tad-dispaċċ bil-wasla tal-ħnieżer;

4. it-trasport tal-ħnieżer f'żoni u minn żoni li jkunu jinsabu 'l barra minn dawk elenkati fil-Parti III tal-Anness, għandu jsir tul rotot tat-trasport definiti minn qabel u l-vetturi użati biex jinġarru dawk il-ħnieżer għandhom jitnaddfu, u jekk ikun hemm bżonn, jiġu ddiżinsettizzati u ddiżinfettati malajr kemm jista' jkun wara l-ħatt;

5. għad-dispaċċ ta' ħnieżer ħajjin lejn żoni elenkati fil-Partijiet II jew III tal-Anness ta' Stat Membru ieħor, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti addizzjonali li ġejjin:

   (a) il-ħnieżer jikkonformaw ma' kull tip ieħor ta' garanziji xierqa tas-saħħa tal-annimali bbażati fuq riżultat pożittiv tal-evalwazzjoni tar-riskji ta' miżuri kontra t-tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-post tal-oriġini u approvati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-post ta' tranżitu u mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni, qabel ma jsir il-moviment ta' dawn l-annimali;

   (b) l-Istat Membru tal-post tal-oriġini għandu jgħarraf minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bil-garanziji tas-saħħa tal-annimali u l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti li hemm referenza għalihom fil-punt (a) u għandu jawtorizza lista ta' azjendi agrikoli li jikkonformaw mal-garanziji tas-saħħa tal-annimali;

   (c) ġiet stabbilita proċedura ta' gwida skont l-Artikolu 16a, taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-oriġini, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni, biex ikun żgurat li l-annimali, li jitmexxew b'konformità mar-rekwiżiti addizzjonali stipulati fil-punt (a), jiġu ttrasportati b'mod sigur u ma jiġux sussegwentement meħudin f'xi Stat Membru ieħor;

   (d) għall-ħnieżer ħajjin li jkunu konformi mar-rekwiżiti addizzjonali kollha f'dan l-Artikolu, għandu jiżdied il-kliem addizzjonali li ġej fuq iċ-ċertifikat korrispondenti tas-saħħa tal-majjali li hemm referenza għalih fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 64/432/KEE:

   “Ħnieżer konformi mal-Artikolu 3a tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE.”

▼M29

Artikolu 3b

Deroga mill-projbizzjoni fuq it-tqassim, miż-żoni elenkati fil-Parti II tal-Anness, ta' ħnieżer ħajjin maħsubin għat-tbiċċir immedjat

B'deroga mill-projbizzjoni prevista fil-punt (a) tal-Artikolu 2, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jawtorizzaw it-tqassim ta' ħnieżer ħajjin maħsubin għat-tbiċċir **immedjat** minn azjenda li tinsab f'żona elenkata fil-Parti II tal-Anness (l-azjenda ta' tqassim) lejn żona oħra fit-territorju tal-istess Stat Membru, dejjem jekk:

(a) qabel it-tqassim, il-ħnieżer ikunu baqgħu fl-azjenda tat-tqassim tul perjodu ta' mill-inqas 30 jum, jew sa minn twelidhom;

(b) il-ħnieżer huma konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-punt 2 jew fil-punt 3 tal-Artikolu 3;

(c) il-ħnieżer kollha fl-azjenda tat-tqassim joriġinaw esklussivament minn azjenda tat-tgħammir waħda separata, li tinsab f'żona elenkata fil-Parti I jew II tal-Anness, fit-territorju tal-istess Stat Membru (l-azjenda tat-tgħammir);

(d) l-awtorità kompetenti tkun tat awtorizzazzjoni minn qabel għall-ġarr tal-ħnieżer mill-azjenda tat-tgħammir sal-azjenda tat-tqassim, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju marbuta mal-miżuri fis-seħħ ta' mitigazzjoni tar-riskji kemm fl-azjenda tat-tgħammir u kemm fl-azjenda tat-tqassim;

(e) kemm l-azjenda tat-tgħammir u kemm l-azjenda tat-tqassim għandu jkollhom pjan komuni ta' bijosigurtà approvat minn qabel mill-awtorità kompetenti;

(f) l-awtorità kompetenti tivverifika b'mod regolari, u mill-inqas darba kull tliet xhur, l-implimentazzjoni tal-pjan komuni ta' bijosigurtà msemmi fil-punt (e);

(g) il-kunsinna tal-ħnieżer tinġarr direttament għat-tbiċċir immedjat, mingħajr waqfa jew ħatt, sa biċċerija approvata skont l-Artikolu 12, u maħtura speċifikament mill-awtorità kompetenti għal dak il-għan;

(h) l-awtorità kompetenti tkun ġiet mgħarrfa minn qabel bl-intenzjoni li l-kunsinna ta' ħnieżer ħajjin tintbagħat lill-biċċerija għat-tbiċċir immedjat;

(i) il-ġarr tal-kunsinna ta' ħnieżer ħajjin lejn il-biċċerija ġewwa u mingħala żoni li jinsabu barra miż-żoni elenkati fil-Parti II tal-Anness isir tul rotot speċifikati minn qabel, u l-vetturi użati għal dak il-ġarr jiġu maħsula u ddiżinfettati u, jekk meħtieġ, jiġu ddiżinsettizzati kemm jista' jkun malajr wara l-ħatt;

(j) kull trakk u kull vettura oħra li tintuża għall-ġarr tal-kunsinna ta' ħnieżer ħajjin ikun ġie rreġistrat individwalment mal-awtorità kompetenti għal dak il-għan;

(k) l-awtorità kompetenti tiġi infurmata sistematikament b'kull tqassim u kull wasla ta' kunsinni ta' ħnieżer ħajjin mill-azjenda tat-tgħammir sal-azjenda tat-tqassim;

▼M29

(l) is-sorveljanza kemm fl-azjenda tat-tqassim u kemm fl-azjenda tat-tgħammir tiġi mseddqa mill-applikazzjoni, fuq il-ħnieżer kollha li għandhom iktar minn erba' xhur, tal-proċeduri stipulati fil-punt 4 tal-Parti A tal-Kapitolu IV tal-Anness tad-Deċiżjoni 2003/422/KE.

▼B

Artikolu 4

Deroga mill-projbizzjoni fuq it-tqassim tal-kunsinni ta' ħnieżer ħajjin għall-qatla immedjata miż-żoni mniżżlin fil-Parti III tal-Anness u fuq it-tqassim tal-kunsinni ta' laħam tal-majjal, ta' preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal u ta' prodotti tal-laħam tal-majjal miksubin minn dawn il-ħnieżer

▼M10

B'deroga mill-projbizzjonijiet previsti fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 2, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jawtorizzaw id-dispaċċ għat-tbiċċir immedjat ta' ħnieżer ħajjin miż-żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness lejn żoni oħra fit-territorju tal-istess Stat Membru jew lejn żoni elenkati fil-Partijiet II u III tal-Anness ta' Stat Membru ieħor f'każ li jkun hemm limitazzjonijiet loġistiċi fil-kapaċità tat-tbiċċir tal-biċċeriji approvati mill-awtorita kompetenti skont l-Artikolu 12 li jkunu jinsabu fiż-żoni elenkati fil-Parti III tal-Anness, sakemm:

▼B

1. il-ħnieżer ikun ilhom mill-anqas 30 ġurnata jew minn twelidhom jitrabbew f'dak ir-razzett u sakemm f'dak ir-razzett ma jkun iddaħħal l-ebda ħanżir ħaj miż-żoni mniżżlin fil-Partijiet II, III u IV tal-Anness għal mill-inqas 30 jum qabel id-data taċ-ċaqliq minn post għall-ieħor;

2. il-ħnieżer ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 3 jew fil-paragrafu 3 tiegħu;

3. il-ħnieżer jiġu ttrasportati għall-qatla immedjata b'mod dirett, mingħajr waqfien jew ħatt, lejn biċċerija approvata skont l-Artikolu 12 u maħtura speċifikament għal dak il-għan mill-awtorità kompetenti;

4. l-awtorità kompetenti tat-tqassim tkun avżat lill-awtorità kompetenti responsabbli għall-biċċerija bl-intenzjoni li jintbagħtu l-ħnieżer f'dik il-biċċerija u sakemm dik l-awtorità kompetenti responsabbli għall-biċċerija tkun avżat lill-awtorità kompetenti tat-tqassim bil-wasla ta' dawk il-ħnieżer;

▼M25

5. hekk kif jaslu l-biċċerija, dawn il-ħnieżer jinżammu u jinqatlu separatament mill-ħnieżer l-oħra u jinqatlu f'jum speċifiku li fih huma biss dawn il-ħnieżer miż-żoni mniżżlin fil-Parti III tal-Anness li jinqatlu jew fi tmiem jum tal-qatla li fih ma jinqatel ebda ħanżir ieħor wara;

▼B

6. it-trasport tal-ħnieżer lejn il-biċċerija f'żoni li jkunu jinsabu 'l barra minn dawk imniżżlin fil-Parti III tal-Anness u minn ġo fihom, isir tul rotot tat-trasport iddefiniti minn qabel u sakemm il-vetturi użati biex jinġarru dawk il-ħnieżer jitnaddfu malajr kemm jista' jkun wara l-ħatt u jekk ikun hemm bżonn jitnaddfu bi prodotti għal kontra l-insetti u jiġu ddiżinfettati;

▼B

7. l-Istati Membri kkonċernati jiżguraw li l-laħam frisk tal-majjal, il-preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal u l-prodotti tal-laħam tal-majjal miksubin minn dawk il-ħnieżer:

(a) ikunu prodotti, maħżuna u pproċessati fi stabbilimenti approvati skont l-Artikolu 12;

(b) ikunu mmarkati skont l-Artikolu 16; u

(c) ikunu kkummerċjalizzati biss fit-territorju ta' dak l-Istat Membru;

8. l-Istati Membri kkonċernati jiżguraw li l-prodotti sekondarji tal-annimali minn dawk il-ħnieżer isirilhom trattament f'sistema separata approvata mill-awtorità kompetenti li jiżgura li l-prodotti dderivati miksubin minn dawk il-ħnieżer ma joħolqu l-ebda riskju b'rabta mad-deni Afrikan tal-ħnieżer;

9. l-Istati Membri kkonċernati jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni dwar l-għoti tad-deroga skont dan l-Artikolu u jibagħtulha l-ismijiet u l-indirizzi tal-biċċeriji approvati skont dan l-Artikolu; u

▼M10

10. għad-dispaċċ ta' ħnieżer ħajjin lejn żoni elenkati fil-Partijiet II jew III tal-Anness ta' Stat Membru ieħor, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti addizzjonali li ġejjin:

(a) il-ħnieżer jikkonformaw ma' kull tip ieħor ta' garanziji xierqa tas-saħħa tal-annimali bbażati fuq riżultat pożittiv tal-evalwazzjoni tar-riskji ta' miżuri kontra t-tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-post tal-oriġini u approvati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Memb ru tal-post ta' tranżitu u mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni, qabel ma jsir il-moviment ta' annimali bħal dawn;

(b) l-Istat Membru tal-oriġini għandu jgħarraf minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bil-garanziji tas-saħħa tal-annimali u l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti li hemm referenza għalihom fil-punt (a) u għandu jawtorizza lista ta' azjendi agrikoli li jikkonformaw mal-garanziji tas-saħħa tal-annimali;

(c) ġiet stabbilita proċedura ta' gwida skont l-Artikolu 16a, taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-oriġini, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni, biex ikun żgurat li l-annimali, li jitmexxew b'konformità mar-rekwiżiti addizzjonali stipulati fil-punt (a), jiġu ttrasportati b'mod sigur u ma jiġux sussegwentement meħudin f'xi Stat Membru ieħor;

(d) għal ħnieżer ħajjin li jkunu konformi mal-kundizzjonijiet kollha ta' dan l-Artikolu, għandu jiżdied il-kliem addizzjonali li ġej fuq iċ-ċertifikat korrispondenti tas-saħħa tal-majjali li hemm referenza għalih fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 64/432/KEE:

"Ħnieżer konformi mal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE."

▼B

Artikolu 5

Deroga mill-projbizzjoni fuq it-tqassim tal-kunsinni ta' laħam tal-majjal, ta' preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal, ta' prodotti tal-laħam tal-majjal u ta' kull prodott ieħor li jkun fih jew li jkun jikkonsisti minn laħam tal-majjal miż-żoni mniżżlin fil-Parti III tal-Anness

B'deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 2(c), l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jawtorizzaw it-tqassim tal-laħam tal-majjal, tal-preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal, tal-prodotti tal-laħam tal-majjal u ta' kull prodott ieħor li jkun fih jew li jkun jikkonsisti mil-laħam tal-majjal miż-żoni mniżżlin fil-Parti III tal-Anness, sakemm dawn ikunu:

(a) jew ġejjin minn ħnieżer li jkunu nżammu minn twelidhom fi rziezet li jkunu jinsabu 'l barra miż-żoni mniżżlin fil-Partijiet II, III jew IV tal-Anness, u l-laħam tal-majjal, il-preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal u l-prodotti tal-laħam tal-majjal li jkun fihom jew li jkunu jikkonsistu minn dan il-laħam, ikunu ġew prodotti, maħżuna u pproċessati fi stabbilimenti approvati skont l-Artikolu 12; jew

(b) ikunu ġejjin minn ħnieżer li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 3 jew fil-paragrafu 3 tiegħu, u l-laħam tal-majjal, il-preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal u l-prodotti tal-laħam tal-majjal li jkun fihom jew li jkunu jikkonsistu minn dan il-laħam, ikunu ġew prodotti, maħżuna u pproċessati fi stabbilimenti approvati skont l-Artikolu 12; jew

(c) ikunu ġew prodotti u pproċessati skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/99/KE fi stabbilimenti approvati skont l-Artikolu 12.

Artikolu 6

Deroga mill-projbizzjoni fuq it-tqassim tal-kunsinni ta' laħam tal-majjal, ta' preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal, ta' prodotti tal-laħam tal-majjal u ta' kull prodott ieħor li jkun fih jew li jkun jikkonsisti minn laħam tal-majjal miż-żoni mniżżlin fil-Parti IV tal-Anness

B'deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 2(c), l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jawtorizzaw it-tqassim tal-laħam tal-majjal, tal-preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal, tal-prodotti tal-laħam tal-majjal u ta' kull prodott ieħor li jkun fih jew li jkun jikkonsisti mil-laħam tal-majjal miż-żoni mniżżlin fil-Parti IV tal-Anness, sakemm dawn ikunu:

(a) jew ġejjin minn ħnieżer li nżammu minn twelidhom fi rziezet li jkunu jinsabu 'l barra miż-żoni mniżżlin fl-Anness, u l-laħam tal-majjal, il-preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal u l-prodotti tal-laħam tal-majjal li jkun fihom jew li jkunu jikkonsistu minn dan il-laħam, ikunu ġew prodotti, maħżuna u pproċessati fi stabbilimenti approvati skont l-Artikolu 12; jew

(b) ikunu ġew prodotti u pproċessati skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/99/KE fi stabbilimenti approvati skont l-Artikolu 12.

▼B

Artikolu 7

Deroga mill-projbizzjoni fuq it-tqassim tal-kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali li ġejjin mill-ħnieżer miż-żoni mniżżlin fil-Parti III u fil-Parti IV tal-Anness

1. B'deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 2(d), l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jawtorizzaw it-tqassim tal-prodotti dderivati kif imsemmi fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] li jkunu nkisbu mill-prodotti sekondarji tal-annimali li ġejjin mill-ħnieżer miż-żoni mniżżlin fil-Parti III u fil-Parti IV tal-Anness, sakemm dawk il-prodotti sekondarji jkun sarilhom trattament li jiżgura li l-prodotti dderivati ma joħolqu l-ebda riskju b'rabta mad-deni Afrikan tal-ħnieżer.

▼M2

2. B'deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 2(d), l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jawtorizzaw it-tqassim tal-prodotti sekondarji tal-annimali li ġejjin minn annimali porċini minbarra l-ħnieżer slavaġ, inklużi l-iġsma mhux ipproċessati tal-annimali mejta minn azjendi jew karkassi minn biċċeriji approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 li jkunu jinsabu fiż-żoni mniżżlin fil-Parti III tal-Anness lejn impjanti tal-ipproċessar, tal-inċinerazzjoni jew tal-koinċinerazzjoni, kif imsemmija fl-Artikolu 24(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, li jkunu jinsabu 'l barra miż-żoni mniżżlin fil-Parti III tal-Anness, sakemm:

▼B

(a) il-prodotti sekondarji tal-annimali jkunu ġejjin minn irziezet jew minn biċċeriji li jkunu jinsabu f'żoni mniżżlin fil-Parti III tal-Anness fejn ma jkun instab l-ebda każ ta' deni Afrikan tal-ħnieżer għal mill-inqas 40 jum qabel it-tqassim;

(b) l-awtorità kompetenti tkun irreġistrat b'mod individwali kull trakk u kull vettura oħra użata għat-trasport ta' dawk il-prodotti sekondarji tal-annimali skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, u:

(i) il-kompartiment kopert li ma jnixxix użat għat-trasport ta' dawk il-prodotti sekondarji tal-annimali jkun mibni b'tali mod li jkun jista' jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat b'mod effettiv u l-qiegħ tiegħu jkun mibni b'tali mod li l-likwidi jkunu jistgħu jiskulaw minnu u jinġabru faċilment;

(ii) jkun hemm provi, fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trakk u ta' vetturi oħrajn, li jkunu saru verifiki tekniċi regolari b'suċċess tat-trakk jew tal-vettura;

(iii) kull trakk ikollu sistema ta' navigazzjoni bis-satellita sabiex tkun tista' tiġi stabbilita l-pożizzjoni tiegħu f'ħin reali. L-operatur tat-trasport għandu jippermetti lill-awtorità kompetenti tiċċekkja l-moviment tat-trakk f'ħin reali u żżomm ir-rekords elettroniċi tal-moviment għal mill-inqas xahrejn;

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

▼B

(c) wara t-tagħbija, il-veterinarju uffiċjali jissiġilla l-kompartiment użat għat-trasport ta' dawn il-prodotti sekondarji tal-annimali. Il-veterinarju uffiċjali biss jista' jkisser is-siġill u jibdlu b'wieħed ġdid. L-awtorità kompetenti għandha tiġi mgħarrfa b'kull tagħbija jew każ ta' bdil tas-siġill;

(d) it-trakkijiet jew il-vetturi ma jitħallewx jidħlu fl-irziezet għat-trobbija tal-ħnieżer u l-awtorità kompetenti tiżgura l-ġbir sikur tal-karkassi tal-majjali;

(e) it-trasport lejn l-impjanti msemmija hawn fuq isir b'mod dirett lejn dawk l-impjanti biss, mingħajr waqfien tul ir-rotta awtorizzata mill-awtorità kompetenti mill-punt magħżul tad-diżinfezzjoni sal-ħruġ miż-żona mniżżla fil-Parti III tal-Anness. Fil-punt magħżul tad-diżinfezzjoni, it-trakkijiet u l-vetturi jridu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati kif xieraq taħt il-kontroll tal-veterinarju uffiċjali;

(f) ma' kull kunsinna ta' prodotti sekondarji tal-annimali jkun hemm id-dokument kummerċjali mimli kif xieraq imsemmi fil-Kapitolu III tal-Anness VIII tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([1]). Il-veterinarju uffiċjali responsabbli għall-impjant tal-ipproċessar tad-destinazzjoni jrid jikkonferma kull wasla lill-awtorità kompetenti msemmija fil-punt (b)(iii);

(g) wara li l-prodotti sekondarji tal-annimali jinħattu, it-trakk jew il-vettura u kull tagħmir ieħor użat fit-trasport ta' dawk il-prodotti sekondarji tal-annimali li jista' jkun tniġġes, jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati kollha kemm huma u, jekk ikun hemm bżonn, jitnaddfu bi prodotti għal kontra l-insetti fiż-żona magħluqa tal-impjant tal-ipproċessar taħt is-superviżjoni tal-veterinarju uffiċjali. Għandu japplika l-Artikolu 12(a) tad-Direttiva 2002/60/KE;

(h) il-prodotti sekondarji tal-annimali jiġu pproċessati mingħajr dewmien. Kull ħażna fl-impjant tal-ipproċessar għandha tkun ipprojbita;

(i) l-awtorità kompetenti tiżgura li l-għadd ta' prodotti sekondarji tal-annimali li jintbagħat ma jaqbiżx il-kapaċità rilevanti tal-ipproċessar ta' kuljum tal-impjant tal-ipproċessar;

(j) l-awtorità kompetenti tiżgura li, qabel isir l-ewwel tqassim miż-żoni mniżżlin fil-Parti III tal-Anness, ikunu fis-seħħ l-arranġamenti meħtieġa mal-awtoritajiet rilevanti skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Anness VI tad-Direttiva 2002/60/KE sabiex ikunu żgurati l-pjan ta' emerġenza, il-linja ta' kmand u l-kooperazzjoni sħiħa tas-servizzi f'każ ta' inċident matul it-trasport, ta' ħsara kbira fit-trakk jew fil-vettura jew ta' frodi min-naħa tal-operatur. L-operaturi tat-trakkijiet għandhom jgħarrfu minnufih lill-awtorità kompetenti b'kull inċident jew ħsara fit-trakk jew fil-vettura.

